**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors numru : 228/2015 AL

A B

Vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Dicembru 1987 u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness bin-Numru Progressiv 1815/1987 Dok. 'A'.

Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom zewgt (2) itfal li jisimhom Christina Marie u Clara Ann li llum huma maggorenni.

Illi l-partijiet huma legalment separati bis-sahha ta' kuntratt tas-separazzjoni tal-25 ta' Ottubru, 2001 li gie redatt quddiem in-Nutar Dottor William Azzopardi Dok. 'B'.

Illi m'hemmx possibilita ragjonevoli li l-kontendenti jergu jirrikonciljaw tant li l-partijiet ilhom jghixu hajja separati u indipendenti minn xulxin tul dawn is-snin kollha.

Illi b'dawn il-fatti hawn imsemmija, jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tippronunzja l-ħall taż-żwieg tal-partijiet ;
b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża d-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieg sabiex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi hija taqbel mat-talba b'dan illi taghzel illi tirriverti ghal kunjom xbubita 'Galdes';

Illi hija tikkonferma :

1. Illi zzewgu f'Malta fis-17 ta' Ottubru 1987;
2. Illi z-zewg partijiet huma domiciljati f'Malta;
3. Illi sseparaw legalment fil-25 ta' Ottubru 2001;
4. Illi minn dak iz-zmien ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi ma hemmx possibilita ragonevoli li huma jirrikonciljaw;
6. Illi ma hemmx issues dwar manteniment;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta’ Ottubru, 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-intimata talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Galdes u filwaqt li l-Qorti tilqa din it-talba tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu konjizzjoni ta’ din it-talba tal-intimata li giet milqugha mill-Qorti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tawtorizza lill-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Galdes, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.